# STEJQIEN

GWIDA GĦAT-TALB

# STEJQIEN
## Gwida għat-Talb

Il-verżjoni oriġinali bl-Ingliż, *'Awakening - Prayer Guide,'* ippubblikata minn Ligonier Ministries (www.ligonier.org). Din it-traduzzjoni ppubblikata bil-permess ta' Ligonier Ministries.

Pubblikazzjoni QUM
42, Triq Dun Ġwann Theuma,
Attard, ATD 2068, Malta

e-mail: kotbaqum@gmail.com

Traduzzjoni ta' Joseph Farrugia © 2019

Qed ngħixu f'dinja li għandha bżonn stejqien. Xi jfisser stejqien? Hu tqanqila potenti tal-Ispirtu t'Alla li jikkonverti numru kbir ta' nies lejn Kristu u jġedded fil-knisja tiegħu żelu għall-verità, għall-maturità spiritwali, u għall-missjoni. Meta tnejn min-nies biss - Pawlu u Sila - talbu, sar terremot kbir (At. 16:25–26). L-iskop ta' dan il-ktejjeb hu biex jgħinek billi jiggwidak fit-talb għal stejqien. Immaġina x'jista' jiġri kieku ningħaqdu lkoll flimkien biex nitolbu ferventement għal ċaqliqa qawwija tal-Ispirtu t'Alla fi żmienna.

Użа' din il-gwida billi ssib il-paġna li taqbel mal-ġimgħa kurrenti. Kull ġimgħa ta' kull xahar hi ffokata fuq grupp ta' nies differenti li għalih trid titlob, tibda' minnek u mill-familja tiegħek u titwessa' għall-komunitajiet akbar. Din il-gwida maħsuba biex tkun użata matul kwalunkwe sena, għalhekk kull xahar fih erba' ġimgħat aktarx milli dati speċifiċi. Għandek issib ukoll spazju biex tniżżel ħsibijiet u noti personali kif ukoll talb ieħor.

Nittamaw li dan il-ktejjeb jinkuraġġik għal dis-sena u fis-snin li ġejjin. Nistednuk, ingħaqad magħna fi stennija mimlija ringrazzjament mibnija fuq il-wegħda tal-Mulej li se jisma' talbna skont ir-rieda tiegħu.

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex kemm int, kif ukoll il-familja tiegħek, tgħarfu r-rikkezzi tas-salvazzjoni li hi fi Kristu.

*Sabiex għajnejn qalbkom ikunu mdawlin, ħalli tkunu tafu x'inhi t-tama tas-sejħa tiegħu, x'inhu l-għana tal-wirt glorjuż tiegħu fil-qaddisin. — Ef. 1:18*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**
Itlob biex l-għemejjel tajbin tal-knisja lokali jiddu bħal dawl għas-soċjetà tagħkom.

*Intom id-dawl tad-dinja. Belt imqiegħda fuq għolja ma tistax tinħeba. — Mt. 5:14*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex in-nazzjon tiegħek jabbanduna l-idoli tiegħu u jadura 'l Alla wieħed u veru.

*Agħtu lill-Mulej, familji tal-popli, agħtu lill-Mulej glorja u qawwa! — 1 Kron. 16:28*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex Alla jiftaħ bibien t'opportunità biex il-vanġelu jasal s'għand ġnus u gruppi maqtugħin.

*Itolbu fl-istess ħin għalina wkoll, sabiex Alla jiftħilna bieb għall-kelma, ħalli nitkellmu l-misterju tal-Kristu. — Kol. 4:3*

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex kemm int, kif ukoll il-familja tiegħek, tkunu mibdula bit-tiġdid ta' moħħkom fi qbil mal-Kelma t'Alla.

*Tkunux ikkonformati ma' did-dinja, iżda kunu trasformati bit-tiġdid ta' moħħkom, ħalli tipprovaw x'inhi r-rieda t'Alla, dak li hu tajjeb u aċċettabbli u perfett. — Rum. 12:2*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**
Itlob biex int u l-knisja tissaraw bis-sħiħ għall-fidi sabiex din tkun ipproklamata b'ċarezza lill-ġirien tagħkom.

*Kien neċessarju niktbilkom biex nappellalkom ħalli tikkontendu għall-fidi kommessa lill-qaddisin darba għal dejjem. — Ġuda 3*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex in-nazzjon u l-belt li fihom tgħix jitrattaw isem Alla bħala qaddis.

*Missierna li int fis-smewwiet, ħa jitqaddes ismek. — Mt. 6:9*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex nies minn ħafna nazzjonijiet jingħaqdu mas-Sid permezz tal-fidi li hi fi Kristu waħdu.

*U f'dak il-jum jingħaqdu ħafna ġnus mal-Mulej, u jsiru l-poplu tiegħi. — Żak. 2:11*

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex int u l-familja tiegħek tgħarfu l-imħabba ta' Kristu u twieġbu b'imħabba u b'ubbidjenza lejh.

*U tkunu tafu l-imħabba tal-Kristu li teċċiedi t-tagħrif, sabiex timtlew sal-milja kollha t'Alla. — Ef. 3:19*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**

Itlob biex il-membri tal-knisja li tagħha int membru jkunu mimlija żelu biex jaqdu 'l Kristu u jagħtu xhieda tiegħu man-nies ta' madwarkom.

*Mhux indolenti fl-entużjażmu tagħkom, fervidi fl-ispirtu, waqt li taqdu lis-Sid. — Rum. 12:11*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex Alla jżur pajjiżek bi stejqien u jdawwar il-qlub ta' ħafna lejn Kristu.

*Ħalli jiġu żminijiet ta' freskezza mill-preżenza tas-Sid. — At. 3:20*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex in-nazzjonijiet u l-mexxejja tagħhom ikollhom il-biża' tal-isem t'Alla u jfittxu l-glorja tiegħu mhux tagħhom.

*Hekk il-ġnus jibżgħu minn isem il-Mulej, u s-slaten kollha tal-art mill-glorja tiegħek. — Sal. 102:15*

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex int u l-familja tiegħek tkunu impenjati filli tistudjaw, tgħixu u tgħallmu l-Kelma t'Alla; li huma l-mezzi ta' stejqien.

*Eżra kien ħejja qalbu biex ifittex il-Liġi tal-Mulej, u josservaha, u jgħallem f'Iżrael l-istatuti u l-ordinanzi tagħha. — Esd 7:10*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**
Itlob biex tkun lest titkellem il-Kelma t'Alla lil dawk li huma parti minn ħajtek u biex Alla jagħtik l-opportunitajiet sabiex tagħmel dan.

*Int . . . titkellem fuqhom [il-kmandamenti t'Alla] xħin tkun bilqiegħda f'darek, u int u miexi fit-triq, u xħin timtedd, u xħin tqum. — Dt. 6:7*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex Alla jgħati l-għarfien ta' Kristu li jsalva lil ħafna nies f'pajjiżek.

*Sabiex Alla ta' Sidna Ġesù Kristu, il-Missier glorjuż, jagħtikom spirtu ta' għerf u rivelazzjoni fit-tagħrif tiegħu. — Ef. 1:17*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex il-missjonarji u l-mexxejja tal-knejjes madwar id-dinja jkunu meħlusa mill-oppożizzjoni tal-infidili sabiex ikunu jistgħu jippritkaw il-vanġelu bla tfixkil.

*Neżortakom, b'Sidna Ġesù Kristu u bl-imħabba tal-Ispirtu, ħalli titqabdu flimkien miegħi fit-talb tagħkom lil Alla għalija, sabiex ninħeles mill-miskredenti fil-Ġudea u biex is-servizz tiegħi lil Ġerusalemm ikun aċċettabbli għall-qaddisin. — Rum. 15:30–31*

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex int u l-familja tiegħek taħbu l-Iskrittura fi qlubkom u b'hekk tkunu preparati biex tipproklamaw il-vanġelu u tibnu 'l ħaddieħor bil-Kelma t'Alla.

*U dawn il-kelmiet li jien qiegħed nordnalek illum, ikunu f'qalbek. — Dt. 6:6*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**
Itlob biex int u l-knisja tixhru għal dawk li ma jafux il-Liġi t'Alla u lanqas josservawha u titqanqlu biex tilħqu lis-soċjetà bil-vanġelu t'Alla.

*Xmajjar ta' dmugħ jinżlu minn għajnejja, għax il-bnedmin ma jħarsux il-liġi tiegħek. — Sal. 119:136*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex in-nies li jgħixu f'pajjiżek ifittxu għalliema li jagħtuhom il-verità tal-vanġelu u mhux dottrina falza.

*Għax għad jiġi żmien meta d-dottrina korretta mhumiex se jissaportuha, iżda b'widnejhom jikluhom se jakkumulaw għalihom infushom għalliema skont il-passjonijiet tagħhom stess. — 2 Tim. 4:3*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**
Itlob biex is-saltna t'Alla tiġi bil-qawwa madwar id-dinja sabiex ħafna jagħrfu 'l Kristu u jagħmlu r-rieda tiegħu.

*Ħa tiġi saltnatek. — Mt. 6:10*

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex int u l-familja tiegħek tagħmlu r-rieda t'Alla, kif inhi spjegata f'Kelmtu, bil-ferħ.

*Ħa ssir ir-rieda tiegħek, kif fis-sema hekk ukoll fuq l-art. — Mt. 6:10*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**

Itlob biex int u l-knisja li tagħha int membru tgħixu ħajja qaddisa quddiem ħbieb u ġirien sabiex it-testimonjanza tagħkom favur il-vanġelu tkun kredibbli.

*Imma intom ġens magħżul, saċerdozju sultani, nazzjon qaddis, nies bħala l-pussess t'Alla, ħalli tniedu l-eċċellenzi morali ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl meraviljuż tiegħu. — 1 Pt 2:9*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex il-belt u l-pajjiż li fih tgħix ifaħħru 'l Alla mhux ikasbruh.

*Ħa jfaħħruk il-popli, o Alla, ħa jfaħħruk il-popli kollha. — Sal. 67:3*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex il-knisja madwar id-dinja ma tikkuntentax biss li tikkonverti n-nies imma tirsisti biex tagħmel minnhom dixxipli.

*Morru mela ddixxiplaw il-ġnus kollha, billi tgħammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u tgħallmuhom iħarsu kull ħaġa kwalunkwe li kkmandajtkom. — Mt. 28:19–20*

# L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex int u l-familja tiegħek bl-ebda mod ma tafdaw fil-ġisem jew fil-metodi umani imma aktarx tistrieħu fuq Alla biex l-istejqien iġibu hu.

*Għax aħna ċ-ċirkonċiżjoni vera, li nqimu bl-Ispirtu t'Alla, u niftaħru fi Kristu Ġesù, u ma npoġġux il-fiduċja tagħna fil-laħam. — Fil. 3:3*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**

Itlob biex il-knisja tkun impenjata li tipproduċi dixxipli ġenwini mill-ġenerazzjoni li jmiss sabiex it-tiġdid jitkompla.

*Int [il-kmandamenti t'Alla] tgħallimhom tajjeb lil uliedek. — Dt. 6:7*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex pajjiżek jinqaleb ta' taħt fuq u jkun mibdul bil-predikazzjoni tal-vanġelu biblilku.

*Kaxkru 'l Ġason u 'l xi wħud mill-aħwa quddiem il-politarki, jgħajtu, "Dawn, li ġabu d-dinja sottosopra, ġew hawnhekk ukoll." — At. 17:6*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex Alla jqajjem Kristjani li lesti jmorru sa truf l-art, sal-aktar postijiet remoti, biex ixandru l-vanġelu lil dawk li għadhom ma semgħuhx.

*Iżda se tirċievu s-setgħa meta jiġi l-Ispirtu s-Santu fuqkom, u tkunu xhieda tiegħi kemm f'Ġerusalemm, u fil-Ġudea kollha u s-Samarija, u sa truf l-art. — At. 1:8*

# L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex kemm int, kif ukoll il-familja tiegħek, tikbru fil-grazzja u t-tagħrif ta' Kristu.

*Ikbru fil-grazzja u t-tagħrif ta' Sidna u s-Salvatur Ġesù Kristu. — 2 Pt 3:18*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**

Itlob biex il-knisja tkun fidila fl-istrutturar tal-ministeru tagħha skont il-mezzi tal-grazzja — il-Kelma, ix-xirka, is-sagramenti, u t-talb — bħala l-mod li Alla jġib l-istejqien.

*U ddedikaw irwieħhom għat-tagħlim tal-appostli u għax-xirka, fi qsim il-ħobż u fit-talb. — At. 2:42*

# IT-3 ĠIMGĦA

## IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX

Itlob biex il-belt li fiha tgħammar ma ttellax ostakoli li jfixxklu l-espansjoni tal-vanġelu hekk kif Alla jagħti l-qlubija lill-fidili biex jipproklamaw Kelmtu.

*U issa, Sid, ħares lejn it-theddid tagħhom u agħti lill-ilsiera tiegħek biex jitkellmu kelmtek bil-kuraġġ kollu. — At. 4:29*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex Alla jbierek b'mod rikk lill-knisja madwar id-dinja sabiex il-fidili jaraw setgħetu li ssalva u jkunu miġbuda biex jafdaw fih.

*Alla jħenn għalina, u jberikna, u jdawwal wiċċu fuqna. Biex triqtek tkun magħrufa fuq l-art, u s-salvazzjoni tiegħek fost il-ġnus kollha. — Sal. 67:1–2*

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex int u l-familja tiegħek tħobbu dejjem iktar 'l Alla b'qalbkom, u b'ruħkom, u b'saħħitkom.

*Ħobb is-Sid Alla tiegħek minn qalbek kollha, u b'ruħek kollha, u b'saħħtek kollha. — Dt. 6:5*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**
Itlob għall-knisja sabiex tħabrek filli tgħallem il-fehma sħiħa t'Alla.

*U tgħallmuhom iħarsu kull ħaġa kwalunkwe li kkmandajtkom. — Mt. 28:20*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob għas-sliem u l-benesseri tan-nazzjoni u l-belt li fiha tgħix, speċjalment biex iċ-ċittadini sħabek isibu l-paċi spiritwali xħin jafdaw fi Kristu.

*U fittxu s-sliem ta' dik il-belt li fiha bgħattkom fl-eżilju, u itolbu lill-Mulej għaliha: għax fis-sliem tagħha jkollkom is-sliem. — Ġer. 29:7*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex in-nazzjonijiet tad-dinja jaslu għall-għarfien ta' Kristu u jsejħu 'l ismu bil-fidi u l-indiema.

*Għalhekk, imbagħad, jien inrodd lill-popli xofftejn safja, biex kollha jsejħu isem il-Mulej, biex jaqduh għalenija. — Sof. 3:9*

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex int u l-familja tiegħek toffru lilkom infuskom lil Alla bħala sagrifiċċju ħaj, f'impenn sħiħ għar-rieda tiegħu.

*Neżortakom mela, l-aħwa, f'ġieħ il-mogħdrijiet t'Alla, ħalli tippreżentaw l-iġsma tagħkom bħala sagrifiċċju ħaj, qaddis u jogħġob lil Alla, li hu l-qima spiritwali tagħkom. — Rum. 12:1*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**

Itlob biex tkun lest tlissen il-Kelma t'Alla lil persuni f'ħajtek u biex Alla jipprovdilek opportunitajiet sabiex tkun tista' tagħmel dan.

*Int [il-kmandamenti t'Alla] tgħallimhom tajjeb lil uliedek, titkellem fuqhom xħin tkun bilqiegħda f'darek, u int u miexi fit-triq, u xħin timtedd, u xħin tqum. — Dt. 6:7*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex Alla jwassal lill-mexxejja tal-belt u n-nazzjon li fih tgħix għall-fidi fi Kristu.

*Bħax-xmajjar tal-ilma qalb is-sultan f'id il-Mulej: kull fejn jogħoġbu jdawwarha. — Prov. 21:1*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex il-knisja madwar id-dinja, speċjalment f'pajjiżi fejn hi ppersegwitata bl-aħrax, ixxandar b'fedeltà il-glorja u l-għemejjel t'Alla.

*Għannu lill-Mulej, l-art kollha; ħabbru s-salvazzjoni tiegħu minn jum għal jum. Xandru l-glorja tiegħu fost il-ġnus, l-għeġubijiet tiegħu fost il-popli kollha. — 1 Kron. 16:23–24*

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex int u l-familja tiegħek tafdaw fil-Mulej u mhux f'fehmitkom sabiex timxu fil-mogħdija dritta ta' dixxiplar fidil.

*Afda fil-Mulej b'qalbek kollha; u fuq fehmtek la tistrieħx. Aħseb fih fil-mixi tiegħek kollu, u hu jwittilek triqatek. — Prov. 3:5–6*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**

Itlob biex Alla jbierek il-knisja b'għalliema sana li jfornu lin-nies sew sabiex ikunu kapaċi jservu lil oħrajn fl-ambjenti u l-postijiet tax-xogħol tagħhom.

*U ta xi wħud bħala appostli, u xi wħud profeti, u xi wħud evanġelisti, u xi wħud rgħajja u għalliema, għat-tagħmir tal-qaddisin għax-xogħol ta' ministeru, għall-edifikazzjoni tal-ġisem tal-Kristu. — Ef. 4:11–12*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex il-mexxejja ta' pajjiżek ma jkunux ostili lejn il-knisja imma jħalluna fil-libertà biex ngħixu ħajja qaddisa, kwieta, dinjituża, li tagħti xhieda għal Kristu.

*Neżorta biex ikunu magħmulin suppliki, talb, petizzjonijiet u ringrazzjamenti għall-bnedmin kollha,għas-slaten u dawk kollha li huma fl-awtorità, sabiex ngħaddu ħajja trankwilla u kwieta b'kull pjetà u dinjità. — 1 Tim. 2:1–2*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**

Itlob biex Alla jqajjem missjonarji li jmorru għand kull tribù u lsien fid-dinja.

*Ħarist, u ara, folla kbira li ħadd ma seta' jgħoddha, minn kull ġens u tribujiet u popli u ilsna kollha, weqfin quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf, imlibbsin ċlieqen bojod, u friegħi tal-palm f'idejhomin. — Riv. 7:9*

## L-1 ĠIMGĦA

**GĦALIK U GĦALL-FAMILJA TIEGĦEK**

Itlob biex int u l-familja tiegħek tagħmlu l-almu tagħkom biex tmewtu d-dnub.

*Għax jekk tgħixu skont il-laħam, se jkollkom tmutu, imma jekk bl-Ispirtu qed toqtlu l-prattiċi ħżiena tal-ġisem, għad tgħixu. — Rum. 8:13*

## IT-2 ĠIMGĦA

**ĠIRIEN, KNISJA, U SĦABEK FUQ IX-XOGĦOL**
Itlob biex il-knisja tgħasses id-depożitu tal-verità t'Alla u mhux tikkompromettiha.

*Għasses id-depożitu t-tajjeb fdat lilek permezz tal-Ispirtu s-Santu li jgħammar ġewwa fina. — 2 Tim. 1:14*

## IT-3 ĠIMGĦA

**IL-BELT U L-PAJJIŻ LI FIH TGĦIX**

Itlob biex in-nazzjon u l-belt tiegħek jweġġhu 'l Alla u mhux jistmerruh.

*Dawk li jweġġhuni, inweġġahhom; u dawk li jmaqdruni, jitmaqdru. — 1 Sam. 2:30*

## IR-4 ĠIMGĦA

**ID-DINJA U L-KNISJA UNIVERSALI**
Itlob biex il-bnedmin madwar id-dinja jsibu t-tama tas-salvazzjoni permezz ta' Kristu.

*F'ismu għad jittamaw il-Ġentili. — Mt. 12:21*



